

3. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, ksur tat-trattati u tal-istat tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħhom, l-abbuż ta' poter.
 4. Trattament favorevoli u protezzjoni tal-IC Millenium/Bcp dwar l-użu tas-sistema finanzjarja għall-ħasil tal-flus u nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tal-Unjoni Ewropea dwar il-moviment liberu tal-kapital.
 5. Ksur tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali).
-

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2016 – Sovena Portugal – Consumer Goods vs UASI – Mueloliva (FONTOLIVA)

(Kawża T-24/16)

(2016/C 106/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sovena Portugal – Consumer Goods, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentant: D. Martins Pereira, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mueloliva, SL (Cordoba, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant għat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali “FONTOLIVA” li tindika l-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 107 792 li tindika l-Unjoni Ewropea

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 1813/2014-2

Talbiet

- tilqa' dan ir-rikors
- tiċħad id-deċiżjoni kkontestata kollha kemm hi;
- tirrettifika d-deċiżjoni kkontestata, fuq il-bażi tal-motivi invokati f'dan ir-rikors u tiddikjara l-għoti ta' protezzjoni lit-trade mark internazzjonali Nru 1 107 792 FONTOLIVA fir-rigward tal-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti, inklużi l-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem l-UASI;
- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-kawża għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem l-UASI.

Motivi invokati

- Skadenza tat-trademark preċedenti Spanjola Nru 780 071 FUENOLIVA;
- Insuffiċjenza tal-prova ta' użu ġenwin tat-trade mark preċedenti;

- Ineżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;
 - eżistenza ta' żewġ trade marks preċedenti FONTOLIVA fi Spanja.
-

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 – Haw Par vs UASI – Cosmowell (GelenkGold)

(**Kawża T-25/16**)

(2016/C 106/45)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Haw Par Corp. Ltd (il-Belt ta' Singapore, Singapore) (rappreżentanti: R. Härer, C. Schultze, J. Ossing, C. Weber, H. Ranzinger, C. Gehweiler, C. Brockmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Cosmowell GmbH (Sankt Johann in Tirol, l-Awstrija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkонтestata: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali “GelenkGold” – Trade mark Komunitarja Nru 9 957 978

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 1907/2015-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI kif ukoll lill-parti l-oħra fil-proċedimenti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.
-

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 – Caffè Nero Group vs UASI (CAFFÈ NERO)

(**Kawża T-29/16**)

(2016/C 106/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Caffè Nero Group Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Cassidy, Solicitor)